**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.10782 — PLD / NBIM / SANT BOI DE LLOBREGAT ASSET)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 221/08)

1. Fit-30 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Prologis, L.P. ("PLD", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Norges Bank Investment Management ("NBIM", in-Norveġja),

— L-Assi fil-Mira (Spanja).

PLD u NBIM jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-Assi fil-Mira kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— PLD hija s-sid, tħaddem u tiżviluppa proprjetajiet immobiljari, prinċipalment għal skopijiet industrijali, fil-Kontinent Amerikan, fl-Ewropa u fl-Asja,

— NBIM tipprovdi investiment istituzzjonali għall-Fond tal-Pensjoni tal-Gvern Globali f'isem il-Ministeru tal-Finanzi Norveġiż, li jiffoka fuq investimenti madwar id-dinja inklużi investimenti fil-proprjetà immobbli fl-Amerka ta' Fuq, l-Ewropa u l-Ġappun,

— L-Assi fil-Mira hija proprjetà immobbli li tinsab f'26 Madre de Deu de Núria Street f'Sant Boi de Llobregat qrib Barċellona fi Spanja, li primarjament tintuża bħala faċilità loġistika.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10782 — PLD / NBIM / SANT BOI DE LLOBREGAT ASSET

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË